# Il-Kurja tiċħad it-talba ta' ex-Kattolici li titħassar id-data dwarhom

*NION – 8 ta' Jannar 2012*

NION (Not In Our Name), l-għaqda mwaqqfa sabiex tgħin lil ex-Kattoliċi jaqtgħu r-rabtiet tagħhom mal-Knisja b'mod formali, tixtieq tinforma lill-pubbliku li l-Kurja ċaħdet it-talba tagħha li titħassar id-data dwar 23 persuna mir-reġistru tal-magħmudija u arkivji oħra. Din it-talba saret wara li dawn l-individwi taw is-setgħa lil NION li tagħmel din it-talba f'isimhom.

F'risposta li NION irċeviet mill-Kurja, din ta' l-aħħar għażlet li ma tirrikonoxxix lil NION bħala rappreżentant ta' dawn l-individwi. Il-Kurja minflok offriet li żżid nota fir-reġistru tal-magħmudija għal dik il-persuna li għamlet it-talba tagħha f'isem l-oħrajn biss. Din in-nota nifhmu li għandha tindika li din il-persuna telqet mill-Knisja Kattolika.

Sabiex tiċħad it-talba ta' NION, il-Kurja użat l-argument li d-data kienet proċessata skond il-liġi, li din tintuża biss għall-amministrazzjoni tas-sagramenti, u li ma tiġi maqsuma ma' ħadd ħlief ma dawk il-persuni msemmijja fir-reġistrazzjoni ta' dak is-sagrament.

NION tixtieq turi d-diżappunt tagħha għal din ir-risposta. Meta ma tirrikonoxxix lil NION bħala rappreżentant leġittimu ta' dawn l-individwi, il-Kurja qegħda tfittex li toħloq burokrazija u inkonvenjenza żejda sabiex taqta' qalb dawk il-persuni li jixtiequ jagħmlu dan il-pass.

NION ma taċċettax lanqas l-argument li d-data ġiet proċessata skond il-liġi, ladarba dawn l-individwi għamluha ċara li il-Knisja m'għadx għandha l-kunsens tagħhom sabiex iżżomm din id-data.

Barra minn hekk, NION temmen li l-annotament tar-reġistru tal-magħmudija jista' jwassal sabiex tinħoloq lista sewda ta' individwi li telqu minn din ir-reliġjon, li mbad tista' faċilment tintuża sabiex dawn jiġu iddiskriminati kontra fuq bażi reliġjuża. NION temmen fid-dritt ta' kull individwu li jitlob it-tneħħija tad-data li qegħda tinżamm fuqu, speċjalment meta dan l-individwu ma jafdax fil-Knisja li tamministra din id-data fl-interess tiegħu jew tagħha.

NION għalhekk tixtieq tinforma lill-pubbliku li sejra tikkuntattja lill-Kummissarju tal-Protezzjoni tad-Data sabiex tissalvagwardja id-drittijiet ta' l-individwi li hi tirrappreżenta, u sabiex tiżgura li l-Knisja ma tkunx eċċezzjoni għall-prinċipju li l-liġi hija l-istess għall kulħadd.